MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 15 ta' Lulju, 2016

Rikors Revoka Numru: 95/2016 LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1662/15 fl-ismijiet:

**George Edward Spiteri (ID. 609855M)**

**vs.**

1. **Marsaxlokk Football Club**
2. **Robert Micallef (ID. 137874M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors imressaq ai termini tal-Artikolu 836 sub-inċiż (1)(b) u 1(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn **Robert Micallef** (minn issa 'l quddiem "l-eżekutat") ippreżentat fl-4 ta' Frar, 2016, li jaqra hekk:

*Illi permezz tar-rikors tat-22 ta' Ottubru, 2015 ir-rikorrent talab u ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1662/15 fil-konfront tal-esponent, u dan fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000).*

*Illi l-esponent f'dan ir-rigward qiegħed iressaq is-segwenti għall-kunsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari l-Mandat odjern huwa irritu u null inkwantu illi tissussisti kuntradizzjoni ċara bejn il-fatt illi r-rikorrent inizja l-proċedura skont il-liġi sabiex jenforza titolu eżekuttiv illi huwa qiegħed jallega illi għandu ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, u l-fatt illi l-Mandat odjern huwa ta' natura kawtelatorja.*

   *Illi Mandat Kawtelatorju min-natura tiegħu huwa intiż proprju sabiex tiġi kkawtelata pretensjoni minn parti illi huwa obbligat bil-liġi illi jsegwi l-istess Mandat b'azzjoni inkonnessjoni ma' dik il-pretensjoni – dan kif stipulat fl-Artikolu 843 tal-istess Kap. 12.*

   *Illi l-Artikolu 253 min-naħa l-oħra ma jikkontemplax pretensjoni iżda elenku ta' titoli eżekuttivi illi jistgħu jiġu eżegwiti mill-parti illi tgawdi mill-istess titolu. Jiġi osservat b'referenza speċifika għal dak stipulat fis-Sub-Inċiż (e) tal-Artikolu hawn indikat, illi li kieku ma jkunx* ***id-debitur illi jitlob lill-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tat-titolu****, ma jkun jissussisti l-ebda ostakolu għall-istess eżekuzzjoni – konferma oħra illi ma teżistix fil-każ odjern 'pretensjoni' iżda proċedura speċifika bil-għan illi titolu eżekuttiv eżistenti jigi enforzat. F'dan il-kuntest ċċertament ma jissussistix dak illi tirrikjedi u tikkontempla l-liġi sabiex issir talba valida u ġustifikata għall-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju kif sar fil-każ odjern.*

*Illi in vista tas-suespost l-esponent qiegħed bir-rispett jissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fuq imsemmi għandu jiġi revokat ai termini tal-**Artikolu 836 Sub-Inċiż (1)(b)** tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-Mandat odjern gie intavolat intempestivament, inkwantu illi r-rikorrent Spiteri intavola <u>kontestwalment</u> fit-22 ta' Ottubru, 2015, kemm Ittra Uffiċjali (Numru 3551/15) u kif ukoll il-Mandat Kawtelatorju odjern (kopja tal-Ittra annessa u immarkata bħala **Dok. RM1**).*

   *Jiġi reiterat illi fid-data inkwistjoni l-imsemmi rikorrent kellu diġà f'idejh titolu eżekuttiv – u proprju in vista ta' dan ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali hawn indikata sabiex it-titolu tiegħu jiġi <u>reż eżegwibbli</u>.*

   *Illi l-Mandat odjern semmai kellu jigi intavolat mir-rikorrent Spiteri **fil-mument illi din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' talba mressqa mill-intimat għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu su-riferit**, liema digriet ikollu jiġi segwit b'rikors min-naħa tar-rikorrent innifsu – kollox skont kif stipulat fis-Sub-Inċiż (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12. Huwa biss f'dan il-mument illi tissussisti pretensjoni fil-konfront tal-esponent illi tista' tiġi ġiustament ikkawtelata b'Mandat bħal dak odjern.*

3. *Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed bir-rispett jissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fuq imsemmi għandu jiġi revokat ai termini tal-**Artikolu 836 Sub-Inciz (1)(d) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-istess Mandat ma huwiex prima facie ġustifikat.*

*Illi hekk kif jirriżulta mill-kontenut tar-rikors hekk imressaq mir-rikorrent George Edward Spiteri, l-pretensjoni tal-istess rikorrent tippernja dwar ħames kambjali illi ġew iffirmati fl-14 ta' Diċembru, 2009 u li jikkonċernaw kuntratt illi kien sar bejn Marsaxlokk FC u Andrew Spiteri – liema kambjali jinsabu annessi mal-Ittra Uffiċjali Numru 1662/15 wkoll ippreżentata mir-rikorrent hawn imsemmi.*

*Illi sussegwentement, ossia fit-30 ta' Ottubru, 2012, il-player inkwistjoni Andrew Spiteri kien ġie rilaxxjat mill-klabb Marsaxlokk FC b'dan illi fil-ġurnata hawn imsemmija kien intlaħaq ftehim ġdid* ***unikament bejn l-istess klabb u l-imsemmi Andrew Spiteri*** *dwar bilanċ fl-ammont ta' erbatax-il elf, tmien mija u tmenin Euro (€14,880) illi kien għadu dovut mingħand il-klabb.*

*Illi l-esponent jinsab infurmat illi l-pendenza su-riferita tħallset fl-intier tagħha mill-klabb insegwitu għall-ftehim fuq imsemmi – fatti dawn illi jirriżultaw b'mod ċar mid-dokumentazzjoni relattiva illi tinsab fil-pussess ta' Marsaxlokk FC u l-MFA.*

*Illi in ogni caso jingħad illi fit-30 ta' Ottubru, 2012 l-esponent kien diġà ilu sena illi waqaf mill-kariga ta' President tal-Marsaxlokk FC, lanqas kien għadu membru tal-istess klabb u* ***ma kien bl-ebda mod involut fil-ftehim ġdid illi sar bejn il-partijiet hawn indikati – ftehim illi ssupera bl-aktar mod assolut id-debitu illi kienu jirrappreżentaw il-kambjali fuq imsemmija.***

*Illi ta' relevanza f'dan ir-rigward huma l-kunsiderazzjonijiet magħmula minn din Onorabbli Qorti fil-każ fl-ismijiet* ***Therese***

***Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart***[1]*, fejn l-istess Qorti spjegat illi fil-kuntest ta' talba għal revoka ta' Mandat Kawtelatorju bbażata fuq l-Artikolu 836(d) 'l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok <u>jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bazi ta' pretensjoni</u> (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat' (enfasi miżjuda).*

*Hekk ukoll din l-istess Onorabbli Qorti osservat fil-każ fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs. Office Group Limited*** [2] *- 'L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv'.*

***Jiġi umilment sottomess illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jistax jirriżulta b'mod aktar ċar – aktar u aktar meta fil-proċedura odjerna l-eżami illi għandu jsir minn din l-Onorabbli Qorti huwa wieħed limitat għal dak illi jirriżulta fuq bażi prima facie – illi l-Mandat Kawtelatorju 1662/15 huwa għalkollox inġustifikabbli u għalhekk qiegħda ssir it-talba odjerna a bażi tal-Artikolu 836 Sub-Inċiż (1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.***

---

[1] Rikors Numru 336/2005 deciz fid-29 ta' Lulju 2005. Ara wkoll Rikors Numru 125/14JZM fl-ismijiet *Blue Rapid Incorporation vs. Elf Aquitaine* deciz fit-2 ta' Dicembru 2014 u Rikors Numru 164/12JRM fl-ismijiet *Jamar Malta Limited vs. Office Group Limited* deciz fl-10 ta' Awwissu 2012.
[2] Rikors Numru 688/12 deciz fl-10 ta' Awwissu 2012.

4. *Illi fir-raba' lok u wkoll mingħajr preġudizzju jiġi bir-rispett rilevat illi fil-każ odjern din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika fil-konfront tar-rikorrent l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 illi jipprovdi għall-kundanna ta' penali skont is-segwenti:*

   *'(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed'.*

   *Illi l-applikazzjoni tal-provvediment su-ċitat ġie kkunsidrat fid-dettall minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża su-ċitata fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs. Office Group Limited***[3] *fejn ġie osservat:*

   *'Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*

   *Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti ssemmi speċifikatament iċ-ċirkostanza tan-nuqqas ta' interpellazzjoni qabel il-ħruġ tal-Mandat;*

   ***Illi dwar din iċ-ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-***

[3] Rikors Numru 688/12 deciz fl-10 ta' Awwissu 2012.

***debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu'.***

*Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jirriżulta bl-aktar mod ċar illi r-rikorrent naqas milli jissodisfa dak minnu rikjest skont il-liġi qabel ma talab il-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju fil-konfront tal-esponent. Jiġi rilevat illi r-rikorrent hawn imsemmi ressaq il-pretensjoni tiegħu fil-konfront tal-esponent għall-ewwel darba permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 3551/15 – din hija datata t-22 ta' Ottubru, 2015 u ġiet ippreżentata **fl-istess ġurnata illi fiha ġie ppreżentat ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat odjern**.*

*Illi tenut kont ta' dak hawn espost għall-kunsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ma għandu jissussisti l-ebda dubju dwar il-fatt illi r-rikorrent George Edward Spiteri naqas milli jaderixxi ruħu ma' dak stipulat fl-Artikolu 836(8)(b) u għalhekk għandu japplika fil-konfront tiegħu l-istess provvediment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponent jitlob bir-rispett illi taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, din l-istess Onorabbli Qorti:*

1. *Tħassar u tirrevoka fit-totalità tiegħu l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1662/15 u dan ai termini tal-Artikolu 836 Sub-Inċiż (1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif hawn fuq ċitat;*

2. *Tikkundanna lir-rikorrent sabiex iħallas lill-esponent inlinea ta' penali dik is-somma li tiġi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti fl-ammont ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centezmu (€1,164.69c) u mhux aktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu*

*(€6,988.12c), u dan ai termini tal-Artikolu 836 (8) Sub-Inċiż (b) tal-Kapitolu 12 fuq ċitat;*

Rat ir-risposta ta' **George Edward Spiteri** (minn issa 'l quddiem "l-eżekutant") ippreżentata fit-22 ta' Frar, 2016 li tgħid hekk:-

1. *Illi t-talbiet dedotti fir-rikors odjern għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru numru 1662/15 fl-ismijiet premessi kif ukoll għall-kundanna ta' ħlas ta' penali għandhom jiġu respinti intoto bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, u dan għar-raġunijiet segwenti li ser jiġu sintetikament elenkati kif jirriżultaw fir-rikors promotur:*

- *<u>L-irritwalità tal-mandat odjern</u>*

2. *Illi l-esponent kien pjenament fid-drittijiet ċivili tiegħu meta intavola r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fit-22 ta' Ottubru, 2015 kontestwalment mal-ittra uffiċjali li ġiet intavolata fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12;*

3. *Illi dan l-artikolu jimponi obbligu fuq kull min irid jeżegwixxi wieħed mit-titoli eżekuttivi elenkati ossija f'dan il-każ dak elenkat fl-Artikolu 253 (e).*

4. *Illi l-obbligu imsemmi huwa bażikament iċ-ċavetta sabiex persuna li tivvanta titolu naxxenti minn kambjala jew kambjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 13, bħalma hu l-kaz odjern. Dan il-proviso jipprovdi illi:*

   *Il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-*

*kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni...*

***(omissis)***

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso.*

5. *Illi l-esponent fil-proċeduri odjerni mexa alla lettera mar-rekwiziti tal-Kap. 12 kemm fl-ittra uffiċjali numru 3551/15 kif ukoll fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru: 1662/15. Illi l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti illi kif kellu kull dritt li jagħmel, ir-rikorrent ġja attakka l-eżegwibilità tal-ittra sudetta permezz tar-rikors numru: 1081/15LM li qiegħed jinstema' quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta u li permezz tiegħu r-rikorrent qiegħed jinnega illi hu qatt ntrabat personalment għall-ħlas tal-kambjali mertu tal-proċeduri odjerni lill-esponent;*

6. *Illi konsegwentement il-mandat ta' sekwestru odjern huwa neċessarjament kawtelatorju peress illi ċ-ċavetta (kif spjegat aktar 'il fuq) li seta' biss ikollu l-esponent wara li jgħaddu l-għoxrin (20) ġurnata indikati fil-proviso suċitat, għadha mhijiex f'idejh - dovut għall-fatt illi r-rikorrent intavola l-imsemmi rikors sabiex issospenda l-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-proċeduri odjerni;*

7. *Illi jekk għall-grazzja tal-argument, ir-raġunar tar-rikorrent jiġi milqugħ, allura nkunu qed noħolqu preċedent ikrah fejn persuna li għandha titolu eżekuttiv li madankollu għandu kundizzjoni imposta fuqu qabel ma jkun f'pożizzjoni li jeżegwixxi t-titolu tiegħu meta jimmatura, jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu illi jipproteġi u jissalvagwardja l-pretenzjonijiet tiegħu permezz ta' att kawtelatorju li tippermetti l-liġi bħalma hu s-sekwestru odjern;*

- *<u>L-intempesstività tal-mandat odjern</u>*

8. *Illi l-istess stregwa ta' ħsieb issegwi b'dak li jirrigwarda t-tieni ilment miġjub mir-rikorrent. Bir-rispett kollu dina l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tiddikjara li mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa intempestiv fil-każ odjern peress illi jkun ġie intavolat kontestwalment mal-ittra uffiċjali li għandha bħala skop tagħha dak li trendi kambjala jew kambjali eżegwibbli. B'analogija, nistgħu nirreferu għall-proċedura straordinarja miġjuba bl-Artikolu 166A, fejn b'mod simili ħafna hija konswetudini illi kreditur jissalvagwardja l-pretenzjonijiet tiegħu permezz ta' att kawtelatorju intavolat konteswalment mal-ittra uffiċjali. F'dak il-każ ukoll, jekk l-ittra uffiċjali tiġi sospiża (hemmhekk il-liġi tippermetti tletin minflok għoxrin jum bħal fil-każ odjern), ikun il-kompitu tal-kreditur illi jaġixxi skont il-liġi u jmexxi b'kawża ad hoc sabiex isalva l-att kawtelatorju, preċiżament bħalma hu l-każ ikkontemplat fil-proviso tal-Art. 253(e), jew ibati l-konsegwenzi jekk jonqos milli jagħmel dan;*

9. *Illi għalhekk ir-rikorrent jista' biss iqajjem argumenti ta' din in-natura f'każ li r-rikors intavolat minnu (numru 1081/15LM) jigi milqugħ, u l-esponent bħala kreditur ma jmexxix b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 13 fiż-żmien lilu prefiss mill-Kap. 12. Sa dakinhar, jekk ikun il-każ, l-esponent qiegħed jimxi bl-aktar mod ċar u lampanti fl-ambiti u*

*parametri legali tiegħu sabiex jiġu salvagwardjati u tutelati l-pretenzjonijiet kambjarji tiegħu;*

- ***Il-Prima Facie***

10. *Illi l-esponent jiċħad kategorikament l-insinwazzjonijiet foloz, inveritieri u possibbilment kriminali intiżi sabiex jiżvijaw lil dina l-Onorabbli Qorti magħmula mir-rikorrent Robert Micallef b'rigward il-ħlasijiet li saru minn Marsaxlokk FC u/jew mill-MFA akkont tas-somma ikkawtelata permezz tal-mandat odjern, kif ukoll dwar it-tgħaffiġ ta' fatti esposti fir-rikors odjern. Illi l-player Andrew Spiteri, iben l-esponent, kien jilgħab ma' Marsaxlokk FC. Illi l-allegazzjonijiet inveritieri ta' Robert Micallef jispikkaw meta wieħed jaqra, fis-sempliċità tiegħu, il-kontenut tal-iskrittura privata datata l-14 ta' Diċembru, 2009 iffirmata minn Robert Micallef personalment (kopja annessa bhala Dok E1);*

11. *Illi dan il-kuntratt, bl-aktar mod simplistiku, jistipula illi:*

    *The above referred sum of forty five thousand Euro (Euro 45,000) is owed by the debtors to the creditor as payment for the granting of permission for Andrew Spiteri to provide professional services to Marsaxlokk F.C.* ***Nonetheless should the said Andrew Spiteri provide his services to another club up until 31/05/2014, and during the subsistence of this contract, then the outstanding balance payable to the said George Spiteri shall be due immediately and not as listed above.***

12. *Illi għalhekk l-iskrittura stess, bil-maqlub għal dak insinwat mir-rikorrent, tistipula illi f'kull każ jekk jieqaf jilgħab mal-klabb ta' Marsaxlokk FC il-plejer Andrew Spiteri, is-somma kawtelata tiġi dovuta* ***qabel*** *id-dati indikati fil-kambjali!!*

13. *Illi l-esponent jirrefreri ukoll għall-allegazzjoni makjavelljana magħmula mir-rikorrent fejn jallega illi fit-30 ta' Ottubru 2012, Marsaxlokk FC laħaq ftehim ieħor mal-esponent George Edward Spiteri fejn ġie patwit illi s-somma bilanċjali dakinhar kient ta' €14,880 - u li minn dak iż-żmien ir-rikorrent Robert Micallef "jinstab infurmat illi l-pendenza suriferita tħallset fl-intier tagħha";*

14. *Illi l-esponent jiċħad din l-allegazzjoni bl-aktar mod kategoriku. L-ammont kawtelat bil-mandat odjern għadu dovut fl-interi tiegħu, bl-imgħaxijiet pattwiti;*

15. *Illi dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa ftehim li sar bejn Marsaxlokk FC u l-plejer Andrew Spiteri (li għalih l-esponent George Edward Spiteri kien kompletament estraneju) għall-miżati ossija wages tiegħu bħala player professjonali full time, li baqgħu ma tħallsux mill-imsemmi klabb. Jiġifieri mhux talli l-esponent ma tħallasx is-somma ta' ħamsa u erbgħin elf dovuta lilu skont il-kuntratt tal-14 ta' Diċembru 2009, talli ibnu għamel snin twal sabiex jibda jitħallas l-istipendju tiegħu, liema debiti għadhom lanqas biss tħallsu kollha sal-lum!*

16. *Illi l-esponent jirreferi wkoll għall-ftehim iffirmat bejn Andrew Spiteri u Marsaxlokk FC (kopja annessa bhala Dok E2) li għamel aċċenn għalih ir-rikorrent, liema ftehim huwa ċar kristall fejn Marsaxlokk FC ikkostitwixxew ruħhom debituri ta' Andrew Spiteri (mhux ta' George Edward Spiteri) għall-bilanċ ta' stipendji dovuti lilu sa dakinhar. Madanakollu Andrew Spiteri kellu jintavola proceduri mal-MFA (kif inhu marbut li jagħmel skont l-Istatut tal-MFA) sabiex jitħallas l-istependji dovuti lilu. Kif jidher mid-deċiżjonijiet tal-**Players, Coaches, Players Agents and Member Clubs Complaints Board** hawn annessi u mmarkati Dok E3, E4 u E5, l-imsemmi Andrew Spiteri kellu triq twila sabiex jasal, bil-mod il-mod, li jitħallas l-arretrati tas-salarji dovuti lilu, tant li kellu*

*saħansitra jintavola ittra ġudizzjarja (kopja annessa Dok. E6) kontra dan il-klabb f'April 2015. Kien biss f'Jannar 2016 permezz ta' ittra mibgħuta lill-konsulent legali tiegħu (kopja annessa Dok E7) illi Andrew Spiteri tħallas il-bilanc tas-salarji dovuti, madanakollu għad irid jitħallas l-imgħaxijiet pattwiti bir-rata legali ta' 8% li sal-lum għadhom dovuti;*

17. *Illi konsegwentement għandu jirriżulta ampjament illi r-rikorrent Robert Micallef qiegħed iħallat żewġ vertenzi separati marbuta ma' krediti li għandhom żewġ persuni differenti. Xejn minn dak spjegat hawn fuq għandu anka remotament x'jaqsam mal-kreditu kkawtelat minn George Edward Spiteri permezz tal-mandat odjern;*

18. *Illi r-rikorrent donnu jrid jaħsel idejh mir-responsabbiltajiet u l-obbligi kuntrattwali assunti minnu fl-14 ta' Diċembru 2009 meta jgħid li "in ogni caso jingħad illi fit-30 ta' Ottubru 2012 l-esponent kien digà ilu sena illi waqaf mill-kariga ta' President tal-Marsaxlokk FC". Din hija dikjarazzjoni li fil-kamp legali hija kważi komika. L-esponent bir-ripsett kollu jistaqsi x'tip ta' difiża legali hi din meta huwa għandu kostituzzjoni ta' debitu u kambjali kombaċenti x'jonora?*

19. *Illi b'riferenza għat-talba għar-revoka skont l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12, ingħad fid-deċiżjoni "Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited" (P.A. (A.L) 5 ta' Settembru 2008) li bid-dispożizzjoni tal-artikolu 836 (1)(d) dak li għandu jiġi eżaminat huwa jekk mad-daqqa ta' għajn ir-rikorrenti eżekutant gżandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna għandha dritt li tikkawtela l-interessi tagħha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tiġi eppurata u deċiża fil-kawża proprja bejn il-partijiet.*

- *Kundanna għal penali.*

*20. Illi l-esponent jissottometti illi l-kontenut tar-risposta tiegħu għandha tkun sodisfaċjenti biżżejjed sabiex dina l-Onrabbli Qorti tapprezza li kien kompletament fil-parametri legali tiegħu meta intavola l-mandat kawtelatorju odjern u għalhekk ma teżisti l-ebda ċirkostanza kkontemplata fil-liġi fejn jista' jigi ordnat iħallas xi penali lir-rikorrent kif qed jintalab fir-rikors odjern.*

*21. Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Art 836(8) tal-Kap 12, il-Qorti għandha l-fakoltà li timponi penali jekk jirrikorru l-elementi komtemplati fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. Hawn issir referenza għall-provvediment (ċitat limitatament mir-rikorrent) tal-10 ta` Awwissu 2012 fl-atti tar-rikors maħluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet: "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)": għat-tħassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ippreżentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet: "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art 836(8) tal-Kap 12 :-*

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.*

*Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta.*

*Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi*

*teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl- artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."*

22. *Illi fil-każ odjern ma ġie aċċennat u wisq inqas ipprovat li l-esponent b'xi mod abbuża mid-drittijiet tiegħu meta talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestu u konsegwentement anke din t-talba għandha tiġi miċħuda.*

**_Konsiderazzjonijiet ta' dritt_**

23. *Illi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat. Illi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat huma s-segwenti:*

*"Il-ħtigijiet tal-liġi procedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi eżegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu";*

24. *Illi fil-każ odjern ma ntweriex li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti (836 b) u lanqas ma ntwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv (836 d).*

25. *Illi r-rikorrent qed jibbaża r-rikors fuq id-dispożizzjonijiet tal-Art 836 (b) u (d). L-eżami relattiv għandu jkun wieħed prima facie. Fil-kawża "Conrad Borg vs de La Rue (499/14JPG 15/7/2015)" intqal:*

*"Il-Qrati ennunċjaw prinċipji importanti fir-rigward ta' kawżi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-eżami li hija mistennija illi tagħmel il-Qorti huwa wieħed prima facie. Illi fil-kawża fl-ismijiet "Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et" tas-26 t`April 2002 per Onor Imħallef Dr G. Camilleri ntqal hekk:-*

*"Skont l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv (omissis). L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie'."*

26. *Illi fid-digriet fl-ismijiet "Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et" tal-10 ta' Mejju 2001 per Onor Imħallef Dr R. C. Pace, u "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imħallef Dr R. C. Pace ngħad ukoll:*

*"li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

27. *Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti" tas- 27 ta' Ġunju 2002 per Onor Imħallef Dr R. C. Pace ngħad:-*

*"Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina 'prima facie' jekk min ħareġ il-mandat kellux*

*pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr Lilian" – tat-30 ta ` Mejju 2002 per Onor. Imħallef Dr R. C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta` Settembru 2002 per Onor Imħallef Dr T. Mallia)".*

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-proċedura hija talba għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontestwalment ma' ittra uffiċjali biex tirrendi eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv għadd ta' kambjali.

Illi l-ewwel raġuni li jġib ir-rikorrent għat-talba tar-revoka tal-mandat inkwistjoni hija li dan ma setax isir waqt li r-rikorrent beda proċedura biex jinforza titolu eżekuttiv skont Art. 253(e) tal-Kap. 12, billi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa biex iħares pretensjoni sakemm jiddeduċi azzjoni dwarha, kif stipulat fl-Artikolu 843 tal-Kap. 12.

Illi l-abbli avukat difensur tar-rikorrent, fit-trattazzjoni bil-fomm, irrilevat li fejn m'hemmx norma espressa, ma tistax tapplika waħda l-Qorti. Bid-dovut rispett

interpretazzjoni bħal din tħares lejn il-liġijiet proċedurali minn ottika monokromatika u pjuttost riduttiva.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Micallef vs. Vincent Scerri**, 15 ta' Mejju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P I p 176) "billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lil-leġiżlatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-*mens legis* biex jagħti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi".

Illi ntqal ukoll mill-Qrati tagħna li "huwa anki dover preċiż tal-ġudikant illi, minħabba dawk iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, jara x'inhi l-probabbli intenzjoni tal-leġiżlatur f'dawn il-każijiet, u japplika dispożizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jirrikoċiljaha mal-liġijiet l-oħra, biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix inġusta; u f'dan is-sens il-ġurisprudenza assumiet anki l-isem ta' waħda mill-fontijiet tad-Dritt (ara **Cogliolo, Monografia Bonus Judex** Vol II, 1917) – **Emmanuele Bonello vs. Edward Percy Larchin** 15.12.1945 Kollez. XXXII.i.309.

Illi n-normi ġuridiċi jimmiraw għal regolamentazzjoni kompluta tal-fatti soċjalment rilevanti. Jista' jiġri iżda li r-realtà tippreżenta sitwazzjonijiet li, għalkemm ikunu soċjalment u ġuridikament rilevanti, ma jkunux direttament rikonoduċibbli għal norma partikolari. F'każijiet bħal dawn jinħtieġ li tiġi

applikata l-**analoġija***,* li biex tkun tista' ssir, irid ikun hemm norma li għandha l-istess fundament razzjonali. L-analoġija hija l-proċess loġiku li permezz tiegħu wieħed jislet min-normi espressi u partikolari l-prinċipju li jirregolahom, biex jaċċerta ruħu li dan il-prinċipju jkopri anki l-każ mhux ipprovdut fin-norma espressa. L-analoġija hija dik il-forma antika ta' interpretazzjoni tad-dritt li dejjem applikat il-loġika li **għas-simili** tapplika l-istess regoli sakemm id-differenzi ma jiġġustifikawx diskriminazzjoni.[4]

Illi l-iskop tal-mandati kawtelatorji huwa li dak li jkollu, mal-ewwel daqqa t'għajn, xi jedd xi jħares, jiġi protett sakemm ikun f'qagħda li jeżegwixxi l-kreditu tiegħu permezz ta' titlu eżekuttiv. It-titlu eżekuttiv jista' jiġi akkwistat b'diversi modi li huma msemmijin fl-artiklu 253 tal-Kap 12: permezz ta' sentenza jew digriet tal-Qorti; lodo ta' arbitru; deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar; ftehim ta' medjazzjoni reżi inforzabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Medjazzjoni; kuntratti ppubblikati minn Nutar fejn il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi att; u l-kambjala.

Illi b'danakollu, l-akkwist ta' titolu eżekuttiv ma jfissirx li jista' jiġi infurzat dejjem u minnufih. Kif għadu kif ingħad, kull sentenza tal-Qorti hija titolu eżekuttiv (Art. 253(a)), iżda ċerti sentenzi huma eżegwibbli wara li jgħaddu 24 siegħa minn meta jiġu ppronunzjati (Art. 255 Kap 12) filwaqt li s-sentenzi definittivi l-oħrajn huma inforzabbli wara jumejn mill-pronunzja (Art. 256 Kap.

---

[4] **Dr. Dominic A. Cassar noe vs. Lawrence Farrugia noe et** (QK) 19.06.1989.

12). Ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 267 tal-Kap. 12, sentenza li tkun appellata ma tkunx inforzabbli ħlief fuq talba ta' xi parti interessata (Art. 266(1) Kap 12). Mela sentenza tal-Qorti, għalkemm hija titolu eżekuttiv, u ssir hekk appena tiġi ppronunzjata, mhix inforzabbli qabel ma ssir *res judicata,* ċjoè jekk ma tkunx appellabbli, meta jgħaddi t-terminu tal-appell u ma jsirx appell, inkella meta jsir appell u jinqata'. F'każi bħal dawn, l-atti prekawzjonali jistgħu jibqgħu fis-seħħ sa 15-il jum wara li s-sentenza tgħaddi inġudikat (Art. 838B (1)). Mela l-liġi stess tagħraf espressament, almenu fil-każ ta' sentenzi tal-Qorti, li jista' jkun hemm veljanti att kawtelatorju meta hemm titolu eżekuttiv. Il-liġi tagħraf ukoll li jista' jkun hemm att kawtelatorju sakemm ittra uffiċjali ssir eżekuttiva bil-proċedura tal-166A. (Art. 838B(2) Kap. 12).

Illi fil-każ tal-Artikolu 253(e), kambjala hija titolu eżekuttiv u tista' tiġi infurzata biss wara li jgħaddu jumejn wara li tiġi ppreżentata ittra uffiċjali li titlob il-ħlas (Art. 256(2) Kap 12). L-eżekuzzjoni tista' tiġi opposta fi żmien 20 jum min-notifika tal-ittra uffiċjali (Art. 253(e) proviso).

Illi jkun kontrosens li kieku wieħed kellu jinterpeta l-liġi fis-sens li din tagħti l-fakoltà lil persuna li m'għandhiex titolu eżekuttiv li tipproċedi ħwejjiġha sakemm tagħmel kawża u tinqata', u dan taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, imbagħad tiċħad din l-istess fakoltà lil persuna li mhux biss għandha pretensjoni *prima facie* imma saħansitra għandha xi ħaġa iktar - titolu eżekuttiv - fiż-żmien li fih ma tkunx għadha f'qagħda li tinfurzah. Ġaladarba l-

liġi stess tagħraf il-possibbiltà ta' koeżistenza ta' titolu eżekuttiv u att kawtelatorju, kif fuq ingħad, kemm fil-każ ta' sentenzi kif ukoll fil-każ tal-ittra uffiċjali eżekuttiva a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, m'hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tagħmel l-istess fil-każ ta' kambjala li tkun għadha ma saritx inforzabbli. Jekk il-liġi tiġi interpretata mod ieħor, ikun ifisser li min ikun obbligat iħallas kambjala u jirċievi ittra uffiċjali biex tirrendiha eżegwibbli, ikun jista' bil-kumdità kollha jeludi d-drittijiet tal-kreditur tiegħu.

Illi raġuni oħra li jġib ir-rikorrent huwa li m'hemmx dritt *prima facie.* Biex jipprova l-allegazzjoni tiegħu, huwa jargumenta li ma kienx parti f'negozji sussegwenti għall-emissjoni tal-kambjali li skontu dawn issuperaw bl-iktar mod assolut id-debitu illi kienu jirrappreżentaw il-kambjali. Dan kollu iżda mhu xejn għajr il-mertu tal-każ. Ma jistax ikun hemm dubju li min ikollu kambjali emessi favur tiegħu għandu, mal-ewwel daqqa t'għajn, dritt favurih. Mhux talli hekk talli l-liġi tqis li għandu dritt u teżentah milli jmur il-Qorti biex jippruvah u ttih titolu eżekuttiv. Jista' jkun li detentur ta' kambjala jiġi dikjarat minn Qorti li m'għandux dritt tal-kreditu li jidher fuqha, iżda sakemm issir, jekk qatt issir, dikjarazzjoni ġudizzjarja bħal din, ċertament ma jistax jingħad li *prima facie* dan m'għandux dritt x'iħares. L-argument tar-rikorrent li l-intimat għandu titolu eżekuttiv iżda m'għandux dritt *prima facie* huwa kontraditorju għall-aħħar u ma jistax jingħata widen minn din il-Qorti.

Illi għar-rigward tat-talba għall-impożizzjoni tal-penali skont Artikolu 836(8) tal-Kap. 12, din hija diskrezzjonali u l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jidhrilhiex li huwa l-każ fejn din għandha tiġi imposta.

Għaldaqstant it-talba ta' Robert Micallef għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1662/15 kif ukoll it-talba għall-impożizzjoni ta' penali qegħdin jiġu miċħuda, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqri